MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 244/2010

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Marion McKay**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Lulju 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef mija w disgha w hamsin Ewro w hamsa w tletin centesmu (€5,159.35) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minn McKay Marion lis-socjeta' attrici in kwantu ghal servizz rezi lilha mill-istess socjeta' attrici fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u dan in segwitu' ta' u skond Client Contract No 437577, liema kuntratt huwa iffirmat minn Marion Mc Kay.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-2 ta' Dicembru 2009, u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni .

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datata 23 ta' Mejju 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali tal-Gzira, fl-ghassa tal-pulizija tal-Gzira, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 26 tergo).

Illi l-konvenuta giet notifikata b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Gunju 2011 u fil-gazetta lokali The Times of Malta datata 20 ta' Gunju 2011.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 il-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef mija w dsigha w hamsin Ewro w hamsa w tletin centesmu (€5,159.35) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------